


# IL-FERH QADDIS TAL-MILIED

Il-ferh tal-Vangelu ma hux kwalunkwe ferh. Huwa ferh li jigi mill-fatt li inti taf li inti milqugh u mahbub minn Alla. Papa Frangisk fid-diskors tieghu ta' l-Angelus, fit-Tielet Hadd ta' L-avvent 2014 fl-okazzjoni tat-Tberik tal-Bambinelli.

Ebda qaddis ma nafu li kellu geddum jew wicc ta' dieqa qisu attenda xi funeral. Il-ferh li wiehed jaf li Alla jhobbu u s-salvazzjoni tieghu hija minn Kristu, bi Kristu u ma' Kristu, wiehed ghandu jaraha f'sens ta' paci jekk mhux ukoll ta' tbissima.

F'dan l-istess Hadd ta' l-Avvent maghruf bhala Hadd il-Ferh,il-Papa Frangisk ghamel zjara fil-parrocca ta' San Guzepp f'Ruma fejn iltaqa' mal-morda, grupp ta' zingari, ma' klassi li qed jippreparaw ghall-ewwel tqarbina u ma koppji li kellhom tarbija u ghammduha fl-ahhar sena. Ha l-okazzjoni biex kellimhom fuq il-ferh waqt il-quddiesa li iccelebra ghalihom: " Kunu ferhana hekk kif qed thejju biex ticcelebraw il-Milied."




Heggihom biex, bhala l-ewwel pass, il-poplu t'Alla ghandu jizzikhajr lill-Hallieq tieghu ghal benefizzji kbar li jaghtih kontinwament matul il-jum.

Il-ferh tan-nisrani ma ghandu xejn x'jaqsam mal-konsumerizmu li jindirizzana ghal ansjeta' ta' l-24 ta' Dicembru ghaliex, "Oh, ma ghandix din, naqsitni dik, jonqosni l-ohra...", le ma hux dak il-ferh ta' Alla.

Bil-Milied fil-qrib ejjew nitolbu ghall-ferh tal-Milied. Nirringrazzjaw lil Alla ghal tant hwejjeg li jaghtina, anke meta ma nitolbuhx, ghall-fidi l-ewwel u qabel kollox.

Kull dar nisranija jixirqilha li jkollha f'post prominenti presepju li jfakkarna fil-grajja ta' meta Alla sar bniedem ghalina biex isalvana. Ma ghandux ikun ghat-tizjin izda biex meta nghaddu minn quddiem inlissnu talba qasira. San Gorg Preca kien ihobb jghid lis-socji tieghu biex ilissnu spiss il-gjakolatorja "L-IBEN T'ALLA SAR BNIEDEM... GLORJA LILL- MISSIER U LIL IBEN U LIL ISPIRTU SANTU." Itlob ghal min trid, basta titlob.

Kull bniedem jixtieq u jigri wara l-ferh. Min ma jixtiequhx? Imma skond kif tfittxu u fejn tfittxu. Ma hux ser issibu qalb il-genn tad-dinja, imma tiskoprih biss meta inti tinsab qrib Alla u hajtek tippridka l-prezenza tieghu.




Papa Frangisku jghidilna li n-nisrani huwa dak li qalbu hija mimlija paci ghaliex hi jew hu jaf kif isib il-ferh fil-Mulej, anke meta jkun ghaddej minn mumenti difficli. Li jkollok il-fidi ma jfissirx li ma jkollix thabbat wiccek mad-diffikultajiet, imma li ssib il-kuragg u s-sahha li tiffaccja l-problemi u taf li inti mhux wahdek.

Il-papa Frangisk jkompli jheggigna u jghidilna li meta l-ferh jew ghall anqas il-paci jiddi fuq wicc il-persuna, ta' madwarna jistaqsu ghaliex, u bis-sahha t'hekk ghandek il-possibilta' li taqsam l-evangelju maghhom. Il-Milied jaghtina possibilta' li nkunu xiehda li Gesu' mhux biss huwa figura storika....huwa il-kelma ta' Alla li jkompli jdawwal it-triqat tan-nies;.....bil-hidma tieghu....is-sagramenti.... joffrilna mezzi u jurina kemm ghandu tenerezza u mhabba paterna lejn bnedmin.

Meta kien qieghed jiccelebra l-quddiesa fil-parrocca ta' San Guzepp fil-periferija ta' Ruma huwa spjega li normalment l-abiti liturgici matul l-Avvent ikunu ta' kulur skur, infatti huma vjola, imma fit-tielet Hadd ta' l-Avvent ikunu roza ghaliex il-ferh tal-Milied hu fil-qrib. Dan il-ferh ikompli l-papa huwa ferh specjali, ferh li ma ghandux ikun biss fil-Milied, izda

matul il-hajja kollha tan-nisrani. Huwa ghalhekk li ssib min jghidlek li l-Milied ghandu jkun kuljum.




Il-Papa Frangisk meta kien qed ikellem lill-fidili fl-istess okazzjoni qalilhom li xi hadd jista' jghid li ahna naghmlu ikla kbira fil-Milied u kulhadd ikun ferhan. "Din hi haga sabiha. Ikla kbira hi xi haga tajba, imma dan ma hux il-ferh nisrani li qed nitkellmu minnu."

Hemm nies li ma jafux kif jirringrazzjaw lil Alla. Dejjem jaraw fuq hiex sejrin igergru. Il-Papa Frangisk semma' storja fejn qal li kien jaf b'soru li kienet tahdem hafna, imma hajjitha kienet dejjem tara fuq hiex ser tgerger u tant kienet tgerger li kienu jsibuha bhala s-"Soru l-Qerrieda."

In-Nisrani qatt ma ghandu jghix dik il-kwalita' ta' hajja, li dejjem irid isib xi haga fuq hiex igerger. Dejjem ghandu jhares lejn il-haga posittiva.

**NO CHRIST...NO CHRISTMAS**

**KNOW CHRIST ...KNOW CHRISTMAS**